MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Numru 250/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**SIMON ZAMMIT**

**Illum 9 ta' Gunju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Simon Zammit, ta' 35 sena, bin Alfonso u Maria Assunta nee` Bajada imwieled tal-Pieta fit-12.03.1967 li joqghod fl-indirizz: "Palms Flats" Flat 2, Triq Filippu Farrugia, Zurrieq. ID 140367M gie akkuzat:

Talli fl-10 ta’ Jannar 2003 u f’dati precidenti f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor mis-somma ta’ aktar minn Lm1000 flus ta’ haddiehor li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol. 35 tal-process.

Innutat li fis-Seduta tad-9 ta’ Gunju, 2003 l-imputat iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr. Giannella Caruana Curran ghall-imputat iddikjarat li l-imputat filwaqt li jiskuza ruhu ghal dak li ghamel tirrileva li fil-perijodu tal-kummissjoni tar-reat l-imputat kien ghaddej minn zmien hazin stante separazzjoni minn martu u problemi ta’ sahha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Simon Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr. Giannella Caruana Curran ghall-imputat iddikjarat li l-imputat filwaqt li jiskuza ruhu ghal dak li ghamel tirrileva li fil-perijodu tal-kummissjoni tar-reat l-imputat kien ghaddej minn zmien hazin stante separazzjoni minn martu u problemi ta' sahha, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Simon Zammit ghall-piena ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Simon Zammit jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Simon Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------